Illum l-ghaxra (10) ta' Jannar ta' l-elf disa' mija u sebgha u disgħin (1997).

Quddiemi Nutar Dottor Paul George Pisani dehru personalment u identifikaw ruhhom bid-dokumenti hawn taht indikati:

Min-naha l-wahda:

John Azzopardi, impjegat mal-Gvern, bin il-mejtin Saviour u Maria nee' Sultana, imwieled x-Xaghra, Ghawdex u martu **Maria Azzopardi**, bint Anthony Sultana u Carmela nee' Vella, imwielda Ghajnsielem, Ghawdex u residenti x-Xaghra, Ghawdex (Karta ta' Identita' Numru:48138(G) u 57042(G) rispettivament)- hawn taht imsemmija "Il-Venduturi".

U min-naha l-ohra:

Baskal Farrugia, *self employed*, bin Grazio u Maria Antonia nee' Farrugia, imwieled iz-Zebbug, Ghawdex u residenti Ghajnsielem, Ghawdex (Karta ta' Identita' Numru:8955(G)) li qieghed jidher fuq dana l-att f'ismu *proprio* kif ukoll ghan-nom u fl-interess ta' martu **Grace Farrugia**, bint Joseph Ciantar u Maria nee' Haber, imwielda u residenti Ghajnsielem, Ghawdex - kif verbalment awtorizzat - hawn taht imsemmi: "Il-Kompraturi".

Kimi Nutar maghrufin.

Bis-sahha ta' dana l-att il-venduturi qeghdin ibieghu u jittrasferixxu a favur tal-kompraturi, li jaccettaw, jixtru u jakkwistaw il-plot numru mija u hmistax (115) mill-art imsejha *Tal-Kaxxja* sive *Ta' Kaxxa* jew *Ta' Zakkun*, fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka mitejn u erbghin punt decimali sebgha metri kwadri (240.7m.k.) u tmiss mil-lvant ma' Triq Simirat, u mill-irjieh l-ohra ma' beni tal-Katidral ta' Ghawdex jew aventi kawza, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha u kif ahjar murija, markata bin-numru mija u hmistax (115) fuq il-pjanta u site-plan annessa ma' att tieghi tal-erbgha (4) ta' Dicembru tal-elf disa' mija u sitta u disghin (1996).

Dan il-bejgh qieghed isir u jigi accettat bil-prezz ta' hmistax-il elf u tlett mitt lira Maltin (Lm15,300) li qeghdin jithallsu presenzialment u tal-istess somma qed tithalla d-debita ricevuta fuq dana l-istess att.

Inoltre dana l-bejgh qieghed isir u jigi accettat b'dawn il-pattijiet:-

(1) Dina l-art qed tinbiegh bil-garanzija ta' fabbrikabilita' u bil-pussess vakant;

Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre

(2) Il-hajt tal-faccata tat-triq ghandu jinbena interament fuq l-art in vendita filwaqt li l-hitan divizorji l-ohra ghandhom jinbnew f'nofs il-linja tal-fruntiera;

(3) Il-kompraturi ikunu responsabbli ghall-ispejjez kollha konnessi mal-formazzjoni u manutenzjoni tat-toroq, sistema tad-drenagg pubbliku u ilma, li ghalihom huma tenuti il-vendituri jew il-kompraturi skond il-Ligi. Il-kompraturi jobbligaw ruhhom ukoll li saz-zmien sena mil-lum huma jkunu ifformaw t-triq kollha antestanti l-art imsemmija sa' nofs il-wisa' taghha u dana taht penali ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) ghal kull gurnata ta' nuqqas. F'kas li l-kompraturi jonqsu milli jwettqu dana l-obbligu saz-zmien xahar wara li jkunu gew interpellati ghal dana l-ghan permezz ta' ittra ufficjali mill-awtur tal-vendituri, l-Massa Kapitulari tal-Knisja Katidrali ta' Victoria, Ghawdex, minnura l-istess Massa Kapitulari tal-Knisja Katidrali ta' Victoria, Ghawdex jkollha l-jedd li jaghmel l-ispejjez imsemmija u dana a spejjez tal-kompraturi;

(4) Il-kompraturi jobbligaw ruhhom li ma' juzawx l-immobili in vendita ghal skopijiet immorali jew kontra t-taghlim tal-Knisja Kattolika Appostolika Rumana;

(5) Il-partijiet jaqblu li l-linja tal-konfini tal-art mibjugha gia giet immarkata fuq il-post mill-Perit Emmanuel Vella. Il-kompraturi jintrabtu li joqghodu u josservaw dawna l-marki.

Il-gvarnizzjoni tal-pacifiku possess u reali godiment tal-immobili hawn trasferit, il-vendituri qeghdin jipotekaw a favur tal-kompraturi, accettanti, il-beni taghhom kollha prezenti u futuri.

Ghall-fini tal-Att numru sbatax (XVII) tal-elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) jigi dikjarat illi l-immobili hawn trasferit ippervena lill-vendituri b'titolu oneruz b'att tieghi tal-erbgha (4) ta' Dicembru tal-elf disa' mija u sitta u disghin (1996).

Ghar-raguni fuq esposta jiena Nutar sottofirmat niddikjara li t-trasferiment odjern mhux imponibbli ghat-termini tal-imsemmi Att.

Kana l-att mewa soggett ghal elf u wiehed u sebghin lira Maltin (Lm1071) taxxa *ad valorem.*

Ma' hijiex dovuta taxxa provvizorja fuq qliegh kapitali stante esenzjoni kif jidher mill-anness dokument "A".

Maghmul, moqri u ippubblikat wara d-debita cerzjorazzjoni skond il-ligi, f'Ghawdex, Victoria, Triq Putirjal, numru erbghin ittra "C" (40c).